SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

12 ta' Settembru 2019*

"Appell – Ambjent – Prodotti ġenetikament immodifikati – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom is-sojja ġenetikament immodifikata MON 87701 x MON 89788 – Regolament (KE) Nru 1367/2006 – Artikolu 10(1) – Talba għar-reviżjoni interna tad-deċiżjoni mressqa skont id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali fil-qasam tal-ambjent – Ċaħda tat-talba"

Fil-Kawża C-82/17 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fl-14 ta' Frar 2017,

TestBioTech eV, stabbilita f'München (il-Ġermanja),

European Network of Scientists for Social and Environmental Responsibility eV, stabbilita fi Braunschweig (il-Ġermanja),

Sambucus eV, stabbilita f'Vahlde (il-Ġermanja),

irrappreżentati minn K. Smith, QC, u J. Stevenson, barrister,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Flynn, G. Gattinara u C. Valero, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Monsanto Europe, stabbilita fi Antwerpen (il-Belġju),

Monsanto Company, stabbilita f'Wilmington (l-Istati Uniti),

irrappreżentati inizjalment minn M. Pittie, u sussegwentement minn P. Honoré u A Helfer, avocats,

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA)

intervenjenti fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Tielet Awla, J. Malenovský, L. Bay Larsen (Relatur), M. Safjan u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: L. Hewlett, amministratur prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-27 ta' Ġunju 2018,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, TestBioTech eV, European Network of Scientists for Social and Environmental Responsibility eV u Sambucus eV jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Diċembru 2016, TestBioTech *et* vs Il-Kummissjoni (T-177/13, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2016:736), li permezz tagħha hija ċaħdet ir-rikors tagħhom għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Jannar 2013 dwar ir-reviżjoni interna tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/347/UE tat-28 ta' Ġunju 2012 li tawtorizza l-kummerċjalizzazzjoni [tqegħid fis-suq] ta' prodotti li jkun fihom, li jikkonsistu minn, jew li jkunu prodotti mis-sojja MON 87701 × MON 89788 (MON-877Ø1-2 × MON-89788-1) ġenetikament modifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (iktar 'il quddiem id- "deċiżjoni kontenzjuża").

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003

2 Skont il-premessa 6 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 32, p. 432), "[w]aqt li l-ekwivalenza sostanzjali hi element kardinali fil-proċedura għall-verifika dwar is-sigurtà ta' ikel modifikat ġenetikament, din mhix il-verifika nnifisha tas-sigurtà".

3 L-Artikolu 5(8) u l-Artikolu 17(8) tar-Regolament Nru 1829/2003 jipprovdu li, qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) għandha tippubblika linji gwida ddettaljati sabiex jgħinu lill-applikant fil-preparazzjoni u fil-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' OĠM għal dak li jirrigwarda, rispettivament, il-prodotti tal-ikel intiżi għall-konsum mill-bniedem u dawk intiżi għall-konsum mill-annimali.

4 Skont l-Artikolu 5(3)(f) ta' dan ir-regolament, kull applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' OĠM għandha tinkludi "jew analiżi, sostnuta minn informazzjoni u data xierqa, li turi li l-karatterisiċi ta' l-ikel ma humiex differenti minn dawk tal-kontroparti konvenzjonali tiegħu, meta jitqiesu l-limiti aċċettati ta' varjazzjonijiet naturali għal dawk il-karatteristiċi u għall-kriterji speċifikati fl-Artikolu 13(2)(a), jew proposta biex l-ikel jiġi ttikkettjat skond l-Artikolu 13(2)(a) u (3)".

5 L-Artikolu 16(1)(a) tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

"Għalf imsemmi fl-Artikolu 15(1) ma għandux:

(a) ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa umana, is-saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent".

Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006

6 Il-premessi 11, 18, 19 u 21 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13), jgħidu li ġej:

"(11) Atti amministrattivi li għandhom applikazzjoni individwali għandhom ikunu miftuħa għall-possibbiltà ta' reviżjoni interna fejn dawn jorbtu legalment u għandhom effetti esterni. […]

[…]

(18) L-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jipprovdi għal aċċess għal proċeduri ġudizzjarji jew proċeduri oħra ta' reviżjoni għall-kontestazzjoni ta' atti u ommissjonijiet minn persuni fiżiċi u minn awtoritajiet pubbliċi li jiksru disposizzjonijiet tal-liġi relattivi għall-ambjent. Id-disposizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja għandhom ikunu konsistenti mat-Trattat. Huwa xieraq f'dan il-kuntest li dan ir-Regolament jindirizza biss atti u ommissjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi.

(19) Sabiex jiġu żgurati rimedji adegwati u effettivi, inklużi dawk disponibbli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-[Unjoni Ewropea] taħt id-disposizzjonijiet pertinenti tat-Trattat, huwa xieraq li tingħata l-opportunità lill-istituzzjoni [tal-Unjoni] jew lill-korp [tal-Unjoni] li ħarġu l-att li sejjer jiġi kkontestat, jew li, fil-każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni amministrattiva, naqsu milli jaġixxu, li jerġgħu jikkonsidraw id-deċiżjoni preċedenti tagħhom, jew, fil-każ ta' ommissjoni, li jaġixxu.

[…]

(21) Fejn ma ġewx milqugħa talbiet preċedenti għal reviżjoni interna, għandu jkun possibbli għall-organizzazzjoni mhux governattiva konċernata li ġġib azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat."

7 Skont l-Artikolu 2(1)(g) tar-Regolament Nru 1367/2006, għall-finijiet ta' dan tal-aħħar, "att amministrattiv" għandu jfisser kwalunkwe miżura ta' ambitu individwali taħt il-liġi ambjentali, meħuda minn xi istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, u li għandha effetti esterni u li jorbtu legalment.

8 L-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, intitolat "Talba għal reviżjoni interna ta' l-atti amministrattivi", jistabbilixxi li:

"1. Kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11 għandha d-dritt li tagħmel talba għal reviżjoni interna lill-istituzzjoni jew korp tal-[Unjoni] li adottaw att amministrattiv taħt xi liġi ambjentali jew, f'każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni amministrattiva, li kellhom jadottaw tali att.

Tali talba għandha ssir bil-miktub u f'limitu ta' żmien perentorju li ma jaqbiżx is-sitt ġimgħat wara li l-att amministrattiv ikun ġie adottat, notifikat jew pubblikat skond liema jkun l-aktar tard, jew, f'każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni, sitt ġimgħat wara d-data li fiha l-att amministrattiv kien meħtieġ. It-talba għandha tinkludi r-raġunijiet għar-reviżjoni.

2. L-istituzzjoni jew il-korp tal-[Unjoni] imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkunsidraw kull talba bħal din, sakemm hija ma tkunx b'mod ċar infondata. L-istituzzjoni jew korp tal-[Unjoni] għandhom jagħtu r-raġunijiet tagħhom f'risposta bil-miktub malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn tnax-il ġimgħa wara r-riċezzjoni tat-talba.

3. Fejn, minkejja l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta, l-istituzzjoni jew il-korp tal-[Unjoni] ma jkunux jistgħu jaġixxu skond il-paragrafu 2, huma għandhom jinformaw lill-organizzazzjoni mhux governattiva li għamlet it-talba malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-perjodu msemmi f'dak il-paragrafu, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħhom u dwar meta għandhom il-ħsieb li jaġixxu.

Fi kwalunkwe każ, l-istituzzjoni jew il-korp tal-[Unjoni] għandhom jaġixxu fi żmien tmintax-il ġimgħa mir-riċezzjoni tat-talba."

9 L-Artikolu 12 tal-imsemmi regolament, intitolat "Proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja" jipprevedi li:

"1. L-organizzazzjoni mhux governattiva li għamlet it-talba għal reviżjoni interna skond l-Artikolu 10 tista' tiftaħ kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond id-disposizzjonijiet pertinenti tat-Trattat.

2. Fejn l-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità jonqsu milli jaġixxu skond l-Artikolu 10(2) jew (3), l-organizzazzjoni mhux governattiva tista' ġġib azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond id-disposizzjonijiet pertinenti tat-Trattat."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

10 L-ewwel appellanti, TestBioTech, hija assoċjazzjoni Ġermaniża mingħajr skop ta' lukru li l-għan tagħha huwa li tippromwovi r-riċerka indipendenti u d-dibattitu pubbliku dwar ir-riperkussjonijiet tal-bijoteknoloġija. It-tieni appellanti, European Network of Scientists for Social and Environmental Responsibility, hija organizzazzjoni Ġermaniża mingħajr skop ta' lukru li għandha bħala għan li x-xjenza u r-riċerka jimxu 'l quddiem għall-protezzjoni tal-ambjent, tad-diversità bijoloġika u tas-saħħa tal-bniedem kontra l-impatti negattivi ta' teknoloġiji ġodda u l-prodotti tagħhom. It-tielet appellanti, Sambucus, hija organizzazzjoni ambjentali Ġermaniża mingħajr skop ta' lukru li l-għan soċjali tagħha huwa relatat mal-attivitajiet kulturali.

11 Fl-14 ta' Awwissu 2009, Monsanto Europe ssottomettiet applikazzjoni lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiżi l-Baxxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003, għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-ikel, ingredjenti tal-ikel u għalf li jkun fihom, li jkunu jikkonsistu minn jew li jkunu prodotti mis-sojja MON 87701 × MON 89788 (iktar 'il quddiem is-"sojja mmodifikata"). L-applikazzjoni kienet tkopri wkoll it-tqegħid fis-suq tas-sojja mmodifikata li tinsab fi prodotti għajr il-prodotti tal-ikel u l-għalf li jkun fihom jew li jkunu jikkonsistu mis-sojja mmodifikata u intiża għall-istess użu bħal kull sojja oħra, bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni.

12 Is-sojja mmodifikata hija prodott ibridu. Din tinħoloq permezz ta' metodi ta' riproduzzjoni tradizzjonali, użati sabiex jiġi mħallat il-materjal ġenetiku ta' żewġ pjanti parentali: is-sojja MON 87701 u s-sojja MON 89799 (iktar 'il quddiem il-"ġenituri"). Il-ġenituri huma ġenetikament immodifikati wkoll. Sa fejn tħallat il-ġeni mmodifikati taż-żewġ ġenituri, hija tissejjaħ "avveniment ta' trasformazzjoni multipla".

13 Fil-15 ta' Frar 2012, l-EFSA tat, skont ir-Regolament Nru 1829/2003, opinjoni ġenerali li fiha kkonkludiet li s-sojja mmodifikata kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dan ir-regolament għat-tqegħid fis-suq tagħha.

14 Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/347/UE tat-28 ta' Ġunju 2012 (ĠU 2012, L 171, p. 13, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni"), imsemmija fil-punt 1 ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni Ewropea awtorizzat, taħt ċerti kundizzjonijiet:

– prodotti tal-ikel u ingredjenti tal-ikel li jkun fihom, li jkunu jikkonsistu minn jew li jkunu prodotti mis-sojja mmodifikata;

– għalf li jkun fih, li jkun jikkonsisti minn jew li jkun prodott mis-sojja mmodifikata;

– is-sojja mmodifikata li tinsab fi prodotti għajr il-prodotti tal-ikel u l-għalf "li jkun fihom" jew li jkunu jikkonsistu minn din is-sojja, intiża għall-istess użu bħal kull sojja oħra, bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni.

15 Permezz ta' ittra tas-6 ta' Awwissu 2012, kull waħda mill-appellanti talbet lill-Kummissjoni sabiex twettaq, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1367/2006, reviżjoni interna tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni. L-appellanti qiesu, b'mod partikolari, li l-konstatazzjoni li tgħid li s-sojja mmodifikata kienet sostanzjalment ekwivalenti għall-kontraparti tagħha kienet difettuża, li ma kinux tqiesu l-effetti ta' sinerġija jew ta' taħlit, li ma kinux ġew eżaminati b'mod adegwat ir-riskji immunoloġiċi u li ma kienx intalab monitoraġġ tal-effetti fuq is-saħħa.

16 Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni informat lill-ewwel appellanti li hija ma kienet aċċettat ebda waħda mill-allegazzjonijiet legali u xjentifiċi invokati sabiex tiġġustifika t-talba għal reviżjoni interna tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni. Il-Kummissjoni qieset, għalhekk, li d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni kienet konformi mar-Regolament Nru 1829/2003.

17 Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni kkomunikat lit-tieni u t-tielet appellanti deċiżjonijiet li kienu sostanzjalment identiċi għal dik indirizzata lill-ewwel appellanti.

Il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

18 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Marzu 2013, l-appellanti ppreżentaw rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

19 Il-Kummissjoni, l-EFSA, kif ukoll Monsanto Europe u Monsanto Company (iktar 'il quddiem "Monsanto") sostnew li dan ir-rikors kien parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment infondat. Ir-Renju Unit sostna li dan ir-rikors kellu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

20 Insostenn tar-rikors tagħhom, l-appellanti qajmu erba' motivi li jirrigwardaw, l-ewwel nett, l-allegata assenza ta' ekwivalenza sostanzjali bejn is-sojja mmodifikata u l-prodott ta' referenza konvenzjonali, it-tieni nett, fuq l-allegata assenza ta' eżami tal-effetti ta' sinerġija jew ta' taħlit u ta' eżami tossikoloġiku, it-tielet nett, fuq l-allegata assenza ta' evalwazzjoni immunoloġika eżawrjenti u, ir-raba' nett, fuq l-allegata assenza ta' kontroll tal-konsum, wara l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom is-sojja mmodifikata.

21 Il-Qorti Ġenerali ddikjarat bħala inammissibbli ċerti lmenti jew argumenti fformulati mill-ewwel appellanti fir-rikors tagħha għal annullament, għar-raġuni, b'mod partikolari, li ma kinux jidhru fit-talba għal reviżjoni interna li din kienet ressqet jew li la kienu koerenti u lanqas jinftiehmu.

22 Qabelxejn, fil-punt 66 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li talba għal reviżjoni interna ta' att amministrattiv, fis-sens tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1367/2006, għandha espliċitament tindika l-att li hija tkopri u tippreċiża r-raġunijiet għar-reviżjoni. Sabiex dawn ir-raġunijiet jiġu ppreċiżati bil-mod meħtieġ, il-persuna li tressaq it-talba hija obbligata li tindika kull punt ta' fatt jew argument ta' liġi li jqajjem dubji plawżibbli fir-rigward tal-evalwazzjoni mwettqa mill-istituzzjoni jew mill-korp tal-Unjoni fl-att inkwistjoni. Għaldaqstant, it-terz li jikkontesta l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq għandu jipproduċi provi sostanzjali li jkunu jistgħu jiġġustifikaw dubji sostanzjali fir-rigward tal-legalità tal-għoti tal-imsemmija awtorizzazzjoni.

23 Għal dak li jirrigwarda l-valur ġuridiku tal-linji gwida ppubblikati mill-EFSA, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, "li d-dokumenti ta' gwida tal-EFSA ma jistgħux jorbtu lill-Kummissjoni fl-eżami jew fir-reviżjoni tagħha, filwaqt li huwa ċertament possibbli li hija tagħżel li tapplikahom bħala qafas ta' evalwazzjoni fil-każijiet imressqa quddiemha".

24 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 229 u 231 tas-sentenza appellata, li, fid-dawl tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-EFSA għal dak li jirrigwarda t-tossiċità tal-prodott ikkonċernat, l-argument tal-ewwel appellanti, li jgħid li l-Kummissjoni ma tistax tinvoka l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' ekwivalenza sostanzjali tal-kompożizzjonijiet sabiex ma twettaqx "evalwazzjoni tossikoloġika adegwata", ma kienx juri li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża.

25 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-allegata assenza ta' evalwazzjoni adegwata tat-tossiċità tas-sojja mmodifikata fid-dawl tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU 2005, L 70, p. 1), il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 233 tas-sentenza appellata, "li testijiet u aġġustamenti sabiex jiġi stabbilit kontenut massimu ta' residwi, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 396/2005, għas-sojja mmodifikata sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni tipi ta' sojja b'tolleranza għall-glifosat jew għall-erbiċidi għandhom isiru fil-kuntest ta' eżami skont l-imsemmi regolament u mhux fil-kuntest tar-Regolament Nru 1829/2003".

26 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors sa fejn kien jikkonċerna d-deċiżjoni kontenzjuża bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment inammissibbli u, għall-kumplament, bħala infondat. Sa fejn ir-rikors ippreżentat quddiemha kellu jitqies li jirrigwarda wkoll iż-żewġ deċiżjonijiet indirizzati, rispettivament, lil European Network of Scientists for Social and Environmental Responsibility u lil Sambucus, il-Qorti Ġenerali qieset li, billi dawn id-deċiżjonijiet kienu identiċi għad-deċiżjoni kontenzjuża, kien hemm lok, f'kull każ, li jiġu miċħuda l-motivi invokati għall-istess raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata ċ-ċaħda tar-rikors sa fejn kien jikkonċerna d-deċiżjoni kontenzjuża.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

27 L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punti 1 u 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata;

– tagħti sentenza li tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni skont it-talbiet imressqa quddiem il-Qorti Ġenerali jew, sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal eżami sħiħ ġdid tal-kawża;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, u

– tordna kull miżura oħra li hija tqis li hija neċessarja.

28 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

29 Monsanto titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

30 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw ħames aggravji bbażati fuq żbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali wettqet meta ddikjarat inammissibbli, ineffettivi jew infondati ċerti partijiet tar-rikors għal annullament, billi b'mod żbaljat imponiet fuqhom oneru ta' prova impossibbli, billi ma rrikonoxxietx li l-linji gwida ppubblikati mill-EFSA skont l-obbligi legali tagħha kienu nisslu l-aspettattiva leġittima li huma kienu ser jiġu osservati, billi stabbilixxiet li ma kienx neċessarju li tikkonforma ruħha mal-evalwazzjoni tas-sigurtà f'żewġ stadji meħtieġa mir-Regolament Nru 1829/2003, u, fl-aħħar nett, billi bbażat ruħha fuq ir-Regolament Nru 396/2005 sabiex tiċħad ċerti elementi tal-ilment tal-appellanti bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni naqset, b'mod żbaljat, milli teżiġi eżami komplet tat-tossiċità potenzjali tas-sojja kontenzjuża u milli tikkontrolla l-effetti tas-sojja kontenzjuża wara l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

31 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li xi whud mill-argumenti, mill-provi jew mid-dokumenti tagħhom kienu inammissibbli peress li ma kinux jidhru fit-talbiet għal reviżjoni jew li ma kinux ġew prodotti flimkien mal-imsemmija talbiet.

32 L-appellanti jsostnu li talba għal reviżjoni mressqa skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1367/2006 hija intiża sabiex tippermetti lill-istituzzjoni kompetenti tal-Unjoni, f'dan il-każ il-Kummissjoni flimkien mal-EFSA, li teżamina mill-ġdid id-deċiżjoni li hija kienet ħadet preċedentement u li tistabbilixxi jekk il-proċess deċiżjonali li wassal għal din id-deċiżjoni huwiex konformi mad-dritt tal-ambjent.

33 Skont l-appellanti, għalkemm, skont din id-dispożizzjoni, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGO) li jintroduċu talbiet għal reviżjoni għandhom l-obbligu li jippreċiżaw ir-raġunijiet għar-reviżjoni, dawn in-NGO ma għandhomx jissostitwixxu lill-istituzzjoni inkwistjoni sabiex jiġu esposti b'mod iddettaljat ir-riżultat ta' reviżjoni li l-istituzzjoni kellha twettaq. Barra minn hekk, meta n-NGO jressqu azzjoni ġudizzjarja kontra deċiżjoni li tirrigwarda talba għal reviżjoni, huma għandhom ikollhom is-setgħa li jiżviluppaw il-motivi li huma invokaw fit-talbiet tagħhom għal reviżjoni jew sabiex iżidu dettalji u provi supplimentari insostenn ta' dawn il-motivi, sabiex juru dak li l-istituzzjoni kompetenti kienet stabbilixxiet jew dak li kellha tieħu inkunsiderazzjoni li kieku laqgħet din it-talba għal reviżjoni. Interpretazzjoni restrittiva wisq tar-rekwiżit li jgħid li l-persuna li tressaq it-talba għandha tindika r-raġunijiet li abbażi tagħhom hija tkun qiegħda titlob reviżjoni tmur kontra l-għan u l-iskop tar-Regolament Nru 1367/2006, li huwa li jippermetti l-aċċess għall-ġustizzja fil-qasam tal-ambjent.

34 L-appellanti jqisu li, peress li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1367/2006, l-evalwazzjonijiet ta' din il-qorti dwar l-inammissibbiltà li jinsabu fil-punti 65 sa 70, 125, 126, 136, 137, 199, 262 sa 264, 266 u 267 tas-sentenza appellata għandhom jiġu invalidati.

35 Barra minn hekk, l-appellanti jqajmu ħames ilmenti b'mod sussidjarju. F'dan ir-rigward, huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, l-ewwel nett, meta rrifjutat, fil-punti 140 sa 142 u 201 tas-sentenza appellata, li tieħu inkunsiderazzjoni t-tabelli annessi mar-rikors tagħhom, li kienu jinkludu listi ta' provi invokati insostenn ta' kwistjonijiet ta' liġi esposti b'mod ċar. It-tieni nett, hija wettqet tali żball meta qieset, fil-punti 143 sa 147 ta' din is-sentenza, li n-nuqqas li bih kienet akkużata l-Kummissjoni ma kienx jirriżulta b'mod koerenti u li jinftiehem minn dan ir-rikors. It-tielet nett, jikkostitwixxi żball ta' liġi mill-Qorti Ġenerali l-fatt li din qieset, fil-punt 234 tal-imsemmija sentenza, li l-appellanti kkontestaw in-nuqqasijiet min-naħa tal-EFSA, għall-kuntrarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, fir-rigward tat-tliet ilmenti tagħhom li fihom huma allegaw nuqqas ta' evalwazzjoni suffiċjenti tat-tossiċità tas-sojja kontenzjuża. Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma mmotivatx b'mod ċar l-evalwazzjonijiet magħmula fil-punti 278 sa 280 tal-istess sentenza dwar it-tielet parti tat-tielet motiv, b'mod partikolari meta ċaħdet l-argumenti bħala infondati għar-raġuni li l-provi mressqa insostenn ta' dawn l-argumenti ma kinux jikkonċernaw il-parti tad-deċiżjoni kontenzjuża li kienet ikkontestata fil-kuntest ta' din il-parti u li ma kinux enumerati jew miġbura bl-istess mod fir-rikors fl-ewwel istanza u fit-talba għal reviżjoni. Il-ħames u l-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punti 292 u 293 tas-sentenza appellata, l-argumenti ppreżentati mill-ewwel appellanti bħala mhux preċiżi biżżejjed fid-dawl tal-kumplessità tas-suġġett.

36 Il-Kummissjoni u Monsanto jqisu li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

37 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1367/2006, kull NGO li tissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament għandha s-setgħa li tagħti bidu, permezz ta' talba motivata, għal reviżjoni interna ta' att amministrattiv mal-istituzzjoni jew mal-korp tal-Unjoni li adottah abbażi tad-dritt tal-ambjent. Meta s-suġġett tal-att amministrattiv inkwistjoni jkun jirrigwarda, bħal f'dan il-każ, awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom is-sojja ġenetikament immodifikata kif ippreċiżati fil-punt 14 ta' din is-sentenza, is-suġġett ta' talba għal reviżjoni jkun jikkonċerna, skont din id-dispożizzjoni, l-evalwazzjoni mill-ġdid ta' tali awtorizzazzjoni.

38 It-talba għal reviżjoni interna ta' att amministrattiv hija intiża għalhekk sabiex tiġi kkonstatata allegata illegalità jew l-assenza ta' fondatezza tal-att inkwistjoni. Il-persuna li tressaq it-talba tista' sussegwentement tressaq kawża, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1367/2006, moqri flimkien mal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament, quddiem il-qorti tal-Unjoni billi tippreżenta rikors għal nuqqas ta' kompetenza, ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali, ksur tat-Trattati jew ta' kull regola ta' dritt dwar l-applikazzjoni tagħhom jew użu ħażin ta' poter kontra d-deċiżjoni li tiċħad bħala infondata t-talba għal reviżjoni interna.

39 Tali rikors ma jistax ikun ibbażat fuq motivi ġodda jew fuq provi li ma kinux jidhru fit-talba għal reviżjoni, għaliex inkella r-rekwiżit relatat mal-motivazzjoni ta' tali talba, li jinsab fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1367/2006, jiġi mċaħħad mill-effett utli tiegħu u s-suġġett tal-proċedura mibdija minn din it-talba jiġi emendat.

40 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta, fil-punt 69 tas-sentenza appellata, ikkonstatat, minn naħa, li l-ewwel appellanti ma kinitx ġiet prekluża milli tinvoka, fil-kuntest tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza, kwalunkwe motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża, kwalunkwe ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali, kwalunkwe ksur tat-Trattati jew ta' kwalunkwe regola ta' dritt dwar l-applikazzjoni tagħhom

jew kwalunkwe użu ħażin ta' poter waqt l-adozzjoni tal-imsemmi att u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata teżamina motivi oħra minbarra dawk mqajma mill-appellanti meta ressqet it-talba tagħha għal reviżjoni interna tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk tali talba kinitx tqajjem dubji sostanzjali dwar il-legalità tal-għoti tal-imsemmija awtorizzazzjoni.

41 Fir-rigward tal-iżbalji ta' liġi li bihom huma vvizzjati l-punti 125, 126, 136, 137, 199, 262 sa 264, 266 u 267 tas-sentenza appellata, peress li l-Qorti Ġenerali rrifjutat li tiddeċiedi dwar il-motivi jew il-provi li ma kinux ġew esposti fit-talba għal reviżjoni interna, jeħtieġ, fid-dawl tal-punti 39 u 40 ta' din is-sentenza, li l-aggravju jiġi miċħud f'dan ir-rigward.

42 Għal dak li jirrigwarda l-ħames ilmenti sussidjarji deskritti fil-punt 35 ta' din is-sentenza, li permezz tagħhom l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta ddikjarat ċerti argumenti inammissibbli, ineffettivi jew infondati, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 256 TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba. Għalhekk, ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti u għandu jiġi ddikjarat inammissibbli aggravju li l-argumentazzjoni tiegħu ma hijiex ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità, b'mod partikolari għaliex l-elementi essenzjali li fuqhom huwa bbażat l-aggravju ma jirriżultawx b'mod suffiċjentement koerenti u li jinftiehem mit-test ta' dan l-appell, li huwa fformulat b'mod oskur u ambigwu f'dan ir-rigward (ara, b'mod partikolari, id-digriet tat-3 ta' Diċembru 2015, Verband der Kölnisch-Wasser Hersteller vs UASI, C-29/15 P, mhux ippubblikat, EU:C:2015:799, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 L-ewwel ilment sussidjarju jkopri l-punti 140 sa 142 kif ukoll 201 tas-sentenza appellata, li huma fformulati kif ġej:

"140 L-ewwel nett, sa fejn l-ewwel rikorrenti tirreferi f'dan il-kuntest għall-letteratura elenkata fl-Anness I tar-rikors, intitolat "Tabella fuq l-effett tal-atomizzazzjoni ta' pjanti ġenetikament immodifikati b'erbiċida abbażi ta' glifosat", hemm lok li jitfakkar li, f'dan il-każ, l-ewwel rikorrenti sempliċement tallega, b'mod ġenerali, li d-differenzi bejn is-sojja mmodifikata, il-prodott li miegħu tiġi pparagunata u s-sustanzi ta' referenza kienu ġew identifikati u li l-letteratura xjentifika invokata hija tal-ikbar importanza sa fejn hija tagħti x'tifhem li studju xieraq tal-effett tal-atomizzazzjoni seta' jagħti lok għall-identifikazzjoni ta' differenzi addizzjonali u sinjifikattivi.

141 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991, kull rikors għandu jindika s-suġġett tat-tilwima u espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati. Din l-informazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali tiddeċedi fuq ir-rikors, skont il-każ, mingħajr ebda informazzjoni oħra sabiex issostniha. Sabiex rikors ikun ammissibbli, huwa meħtieġ li l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom dan ikun ibbażat jirriżultaw, għall-inqas fil-qosor iżda b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors innifsu. Għalkemm it-test proprju tar-rikors jista' jiġi ssostanzjat u kkompletat, fir-rigward ta' punti speċifiċi, permezz ta' riferimenti għal siltiet speċifiċi ta' dokumenti li huma annessi miegħu, riferiment globali għal dokumenti oħra, anki jekk annessi mar-rikors, ma jistax jikkumpensa għan-nuqqas tal-punti essenzjali tal-argumentazzjoni legali, li, skont id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, għandhom ikunu inklużi fir-rikors. L-annessi jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni biss sa fejn jissostanzjaw jew jikkompletaw motivi jew argumenti espressament invokati mir-rikorrenti fit-test proprju tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom u sa fejn ikun possibbli li jiġi ddeterminat bi preċiżjoni liema huma l-elementi li dawn jinkludu li jissostanzjaw jew jikkompletaw l-imsemmija motivi jew argumenti. Barra minn hekk, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tfittex u tidentifika, fl-annessi, il-motivi u l-argumenti li tista' tqis li jikkostitwixxu l-bażi tar-rikors, peress li l-annessi

għandhom funzjoni purament probatorja u strumentali. Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura [tal-Qorti Ġenerali] tat-2 ta' Mejju 1991 tirrigwarda wkoll ir-replika (ara s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni, T-587/08, EU:T:2013:129, punti 268 sa 271 u l-ġurisprudenza ċċitata).

142 Skont din il-ġurisprudenza, għandu jiġi osservat li l-formulazzjoni ta' dan l-ilment ma tistax tippermetti lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi, jekk ikun il-każ, mingħajr informazzjoni oħra insostenn u jkun kuntrarju għall-funzjoni purament probatorja u strumentali tal-annessi li dawn iservu sabiex juru b'mod iddettaljat allegazzjoni magħmula b'mod mhux ċar u preċiż biżżejjed fir-rikors. Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli l-argument, li jirreferi għall-Anness I tar-rikors, li jgħid li letteratura xjentifika abbondanti li turi l-atomizzazzjoni ta' ċerti erbiċidi fuq pjanti ġenetikament immodifikati jaffettwa l-kompożizzjoni tagħhom ma ttieħditx inkunsiderazzjoni.

[…]

201 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm, fil-kuntest ta' dan l-ilment, l-ewwel rikorrenti tagħmel riferiment għal-letteratura elenkata fl-Anness II tar-rikors, intitolat "Tabella B: sinteżi tal-letteratura xjentifika li turi l-bosta komponenti tal-pjanta u prodotti kimiċi li jistgħu jipproduċu effetti ta' sinerġija jew ta' taħlit mal-proteini Cry/tossini Bt", hija tikkuntenta ruħha li tallega, b'mod ġenerali, li din il-letteratura ġiet injorata mill-Kummissjoni. Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 141 iktar' il fuq, tali formulazzjoni ta' dan l-ilment ma tistax tippermetti lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi, jekk ikun il-każ, mingħajr informazzjoni oħra insostenn u jkun kuntrarju għall-funzjoni purament probatorja u strumentali tal-annessi li dawn iservu sabiex juru b'mod iddettaljat allegazzjoni magħmula b'mod mhux ċar u preċiż biżżejjed fir-rikors. Għaldaqstant, l-argument li jgħid li l-Kummissjoni injorat il-letteratura esposta fl-Anness II tar-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli."

44 F'dan ir-rigward, l-appellanti jillimitaw ruħhom, bi ksur tar-rekwiżiti mfakkra fil-punt 42 ta' din is-sentenza, li jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni provi invokati insostenn tal-ilmenti tagħhom esposti b'mod ċar fir-rikors tagħhom fl-ewwel istanza, mingħajr madankollu ma jidentifikaw il-ksur jew l-iżbalji ta' liġi li twettqu mill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, jew jinvokaw żnaturament tal-fatti minnha.

45 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel ilment sussidjarju huwa inammissibbli.

46 It-tieni lment sussidjarju jirrigwarda l-punti 143 sa 147 tas-sentenza appellata, li jgħidu li ġej:

"143 It-tieni nett, għal dak li jirrigwarda l-argument li jgħid li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq 'nuqqas' manifest li jivvizzja l-metodoloġija tal-analiżi komparattiva tal-EFSA sabiex tiġġustifika l-assenza ta' eżami iktar iddettaljat tad-differenzi li jistgħu juru l-eżistenza ta' effetti fortuwiti kkawżati mit-trasformazzjoni multipla tal-proteini inkwistjoni, għandu jiġi osservat li l-ewwel rikorrenti ma tispjegax għal liema "nuqqas" preċiż min-naħa tal-Kummissjoni [fid-deċiżjoni kontenzjuża] hija qiegħda tirreferi. Fil-fatt, hija ma tindikax, fil-kuntest ta' din il-parti, ir-raġunijiet li għalihom hija tqis li l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li d-diskrepanzi identifikati bejn il-livelli ta' daidzein u ta' genistein, preżenti fis-sojja mmodifikata, u dawk li jinsabu fil-prodott konvenzjonali ta' referenza tagħha baqgħu fil-medda murija mis-sustanzi ta' referenza huwa vvizzjat bi żball manifest ta' evalwazzjoni.

144 Barra minn hekk, ma jirriżultax b'mod ċar mill-argumenti tal-ewwel rikorrenti, imqajma kontra [id-deċiżjoni kontenzjuża], liema huma d-differenzi statistikament sinjifikattivi li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni jew li huma, skont l-ewwel rikorrenti, rilevanti sabiex issostni l-affermazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' 'nuqqas' manifest li jivvizzja l-metodoloġija tal-analiżi komparattiva.

145 Issa, għandu jitfakkar li l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura [tal-Qorti Ġenerali] tat-2 ta' Mejju 1991 jipprevedi li r-rikors għandu jinkludi s-suġġett tal-kawża u sunt tal-motivi invokati. Skont ġurisprudenza stabbilita, dawn l-elementi għandhom ikunu ċari u preċiżi biżżejjed sabiex jippermettu lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fuq ir-rikors, jekk ikun il-każ, mingħajr informazzjoni oħra. Sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali u amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa neċessarju, sabiex rikors ikun ammissibbli, li l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom dan ikun ibbażat jirriżultaw, għall-inqas fil-qosor, iżda b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors innifsu (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-11 ta' Jannar 2013, Charron Inox u Almet vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill, T-445/11 u T-88/12, mhux ippubblikat, EU:T:2013:4, punt 57).

146 Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li l-argumenti mqajma f'dan il-każ jikkonċernaw fatti tekniċi ħafna u fid-dawl tal-kumplessità tal-qasam inkwistjoni, l-użu ta' riferimenti ġenerali u ta' riferimenti mhux preċiżi għal partijiet oħra tar-rikors jew għal dokumenti oħra ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 145 iktar 'il fuq. Fil-fatt, għalkemm, fil-każ ta' riferiment ġenerali għall-elementi esposti fil-kuntest ta' motivi oħra, ma jistax jiġi eskluż li l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ibbażat ruħha r-rikorrenti jinsabu fir-rikors, huwa madankollu importanti għar-rikorrenti li tippreżentahom b'mod koerenti u li jinftiehem. B'mod partikolari, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tfittex fost l-elementi kollha invokati insostenn ta' motiv jekk dawn l-elementi setgħux jintużaw ukoll insostenn ta' motiv ieħor u, f'dan il-każ, liema elementi setgħu jintużaw (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Roquette Frères vs Il-Kummissjoni, T-322/01, EU:T:2006:267, punt 209).

147 Għaldaqstant, peress li ma jirriżultax b'mod koerenti u li jinftiehem mir-rikors b'liema "nuqqas" l-ewwel rikorrenti qiegħda tikkritika lill-Kummissjoni, l-argument tagħha f'dan ir-rigward għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli."

47 L-appellanti jsostnu li l-evalwazzjonijiet li jinsabu fil-punti 143 sa 147 tas-sentenza appellata huma żbaljati peress li l-punti ta' fatt u ta' liġi ġew esposti b'mod ċar fir-rikors fl-ewwel istanza. Issa, għalkemm l-iżball ta' liġi invokat f'dan ir-rigward jikkonsisti fi kritika li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx fuq l-argumenti li jinsabu f'partijiet oħra tal-ewwel motiv tar-rikors għal annullament, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti ma jipprovdu ebda preċiżazzjoni dwar ir-rilevanza ta' dawn l-argumenti fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 143 sa 147 ta' dik is-sentenza.

48 Għaldaqstant, it-tieni lment sussidjarju huwa inammissibbli.

49 It-tielet ilment sussidjarju jirrigwarda l-punt 234 tas-sentenza appellata, li jgħid li "sa fejn l-ewwel rikorrenti tqis li l-EFSA kellha l-obbligu li teżamina r-riskju ta' interazzjonijiet u ta' sinerġiji li jistgħu jirriżultaw f'rabta mas-sojja mmodifikata, abbażi ta' obbligu li jirriżulta mir-Regolament Nru 1829/2003, għandu jiġi osservat li hija ma ressqet l-ebda argument li jindika xi illegalità [tad-deċiżjoni kontenzjuża], iżda sempliċement tikkonstata nuqqas min-naħa tal-EFSA. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jitqies bħala ineffettiv."

50 F'dan ir-rigward, għalkemm l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-argumenti tagħhom dwar ilmenti oħra tat-tielet parti tat-tieni motiv tar-rikors għal annullament u, minħabba f'hekk, qieset b'mod żbaljat li huma kienu qegħdin jikkontestaw nuqqas min-naħa tal-EFSA

u mhux l-illegalità tad-deċiżjoni kontenzjuża, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti ma jagħtu l-ebda preċiżazzjoni dwar ir-rilevanza ta' dawn l-argumenti fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punt 234 tas-sentenza appellata.

51 Minn dan isegwi li t-tielet ilment sussidjarju huwa inammissibbli.

52 Ir-raba' lment sussidjarju jirrigwarda l-punti 278 sa 280 tas-sentenza appellata, li huma fformulati kif ġej:

"278 Għandu jiġi osservat li l-argumenti mqajma fil-kuntest tat-tielet parti tat-tielet motiv ma jikkonċernawx [id-deċiżjoni kontenzjuża] sa fejn hija tindirizza l-argument 'C1' tat-talba għal reviżjoni interna tal-ewwel rikorrenti. Għal dak li jirrigwarda r-riċerki addizzjonali dwar b'mod partikolari l-allerġeniċità, il-Kummissjoni ma tagħmel ebda riferiment, [fid-deċiżjoni kontenzjuża], għall-approċċ fuq il-valur probatorju tal-provi applikati (weight-of-evidence approach) jew għal pubblikazzjonijiet xjentifiċi invokati mir-rikorrenti.

279 Issa, għandu jiġi osservat li l-argumenti mqajma mill-ewwel rikorrenti fil-kuntest ta' din il-parti jirrigwardaw fir-realtà l-parti [tad-deċiżjoni kontenzjuża] li tikkonċerna l-argument 'C4' imqajjem fit-talba għal reviżjoni interna tal-ewwel rikorrenti dwar l-assenza ta' evalwazzjoni tal-effetti immunoloġiċi addizzjonali.

280 Peress li l-argumenti mqajma mill-ewwel rikorrenti jikkonċernaw ir-risposta tal-Kummissjoni għall-argumenti dwar l-assenza ta' evalwazzjoni tal-effetti immunoloġiċi addizzjonali u mhux dik li tirrigwarda r-riċerki addizzjonali fuq l-allerġeniċità, it-tielet parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata peress li l-ewwel rikorrenti ma pproduċiet l-ebda prova li turi żball manifest fir-raġunament tal-Kummissjoni inkwistjoni."

53 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma tatx motivazzjoni suffiċjenti għal dawn il-punti tas-sentenza appellata u, fi kwalunkwe każ, wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet argumenti bħala infondati minħabba li kienu ġew esposti jew enumerati b'mod differenti fit-talba għal reviżjoni interna u fir-rikors fl-ewwel istanza.

54 Għal dak li jirrigwarda l-motivazzjoni allegatament insuffiċjenti, għandu jiġi osservat li peress li l-appellanti bl-ebda mod ma kkaratterizzaw in-nuqqas ta' ċarezza li bih hija vvizzjata l-motivazzjoni, ir-raba' lment sussidjarju tagħha huwa, f'dan ir-rigward, inammissibbli.

55 Għal dak li jirrigwarda l-allegat żball ta' liġi mill-Qorti Ġenerali, għandu jiġi enfasizzat li dan l-ilment huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Fil-fatt, fil-punti 278 sa 280 tagħha, il-Qorti Ġenerali ma ċaħditx argumenti minħabba li dawn kienu ġew enumerati jew miġbura b'mod differenti fit-talba għal reviżjoni interna u fir-rikors fl-ewwel istanza. Għall-kuntrarju, hija ċaħdet it-tielet parti tat-tielet motiv bħala infondata peress li l-ewwel appellanti ma kienet ipproduċiet l-ebda prova li turi li l-Kummissjoni kienet wettqet żball manifest fir-raġunament inkwistjoni. Għaldaqstant, fuq dan il-punt, ir-raba' lment sussidjarju huwa infondat.

56 Konsegwentement, ir-raba' lment sussidjarju huwa parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

57 Il-ħames ilment sussidjarju jirrigwarda l-punti 292 u 293 tas-sentenza appellata li jgħidu li ġej:

"292 F'dan ir-rigward, l-ewwel rikorrenti ma tispjegax liema huma d-'differenzi statistikament sinjifikattivi identifikati bejn is-sojja mmodifikata u l-prodott konvenzjonali ta' referenza' li fir-rigward tagħhom kellu jsir pjan ta' kontroll tal-konsum tal-imsemmija sojja mill-bnedmin u mill-annimali, liema huma l-argumenti mqajma fil-kuntest tal-ewwel tliet motivi ta' dan ir-rikors li, fil-fehma tagħha, kellhom bħala konsegwenza li l-awtorizzazzjoni nżammet u li 'ma saret l-ebda evalwazzjoni xierqa tan-neċessità li jiġi stabbilit, wara t-tqegħid fis-suq, monitoraġġ

tal-konsum mill-bnedmin' jew liema kundizzjonijiet kienu jwassluha sabiex tqis li pjan ta' monitoraġġ huwa 'xieraq'. Għandu jiġi osservat li talba mhux preċiża bħal din, fid-dawl tal-kumplessità tal-qasam inkwistjoni, ma tissodisfax il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991, li jeżiġi li l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ir-rikors ikun ibbażat jirriżultaw b'mod koerenti u li jinftiehem mit-test tar-rikors innifsu.

293 Għaldaqstant, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu sa fejn jikkonċerna [d-deċiżjoni kontenzjuża]."

58 L-appellanti jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali billi jinvokaw l-argumenti li huma żviluppaw fil-punti 227 sa 230 tar-rikors fl-ewwel istanza, li jirreferu għall-argumenti diġà żviluppati fil-punti 80 u 97 sa 119 ta' dan ir-rikors, li minnhom jirriżulta li, minħabba d-differenzi statistikament sinjifikattivi identifikati bejn is-sojja mmodifikata u l-prodott konvenzjonali ta' referenza tagħha, għandu jsir pjan ta' kontroll tal-konsum tal-imsemmija sojja mill-bnedmin u mill-annimali.

59 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-punti 227 sa 230 tar-rikors fl-ewwel istanza ma jagħmlu ebda riferiment għall-punti 80 u 97 sa 119 ta' dan ir-rikors. Għaldaqstant, ma jidhirx li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u lanqas li hija wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat ir-rikors fl-ewwel istanza bħala mhux preċiż fuq dan il-punt u meta hija qieset ir-rikors fl-ewwel istanza, f'dan ir-rigward, bħala inammissibbli.

60 Għaldaqstant, il-ħames ilment sussidjarju huwa infondat.

61 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li peress li l-ewwel aggravju huwa parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat, dan għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

62 Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, wettqet żball ta' liġi billi qiegħda titlob prova impossibbli min-NGO li jippreżentaw rikors skont l-Artikoli 10 u 12 tar-Regolament Nru 1367/2006. Għalhekk, fil-punti 67, 83 u 88 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżiġiet li l-persuna li titlob reviżjoni interna ta' att amministrattiv tipproduċi provi sostanzjali li jkunu jistgħu jiġġustifikaw dubji sostanzjali fir-rigward tal-legalità tal-att inkwistjoni u, b'hekk, applikat għal dan il-qasam regola ta' tqassim tal-oneru tal-prova li tintuża f'kuntest legali differenti. Fil-fatt, filwaqt li, f'dan il-każ, dan kien rikors skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1367/2006 ppreżentat kontra d-deċiżjonijiet adottati wara talbiet għal reviżjoni, ir-regola ta' tqassim tal-oneru tal-prova li ġiet applikata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata hija dik użata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi li jirrigwardaw il-kontestazzjoni, minn terzi, tal-awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq, li permezz tagħha huma jkunu obbligati jipproduċu provi sostanzjali li jkunu jistgħu jiġġustifikaw dubji sostanzjali fir-rigward tal-legalità tal-għoti tal-imsemmija awtorizzazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, it-talbiet għal reviżjoni għandhom l-għan li jiddikjaraw bħala fondati l-preokkupazzjonijiet imqajma mill-persuni li jressqu t-talba.

63 Fit-tieni lok, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali applikat din ir-regola ta' tqassim tal-oneru tal-prova b'mod mhux konformi mal-evalwazzjoni li hija għamlet, li tgħid li n-NGO ma humiex obbligati jipprovaw li l-OĠM ma humiex tajbin għas-saħħa. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat, fil-punti 134, 135, 148 sa 150, 157, 163 sa 168, 170, 205 sa 209, 217 sa 224, 230, 231, 238 sa 243, 246, 247, 256, 282, 287 u 289 tas-sentenza appellata, li mill-provi prodotti mill-appellanti ma kienx jirriżulta li s-sojja mmodifikata ma kinitx tajba għas-saħħa.

64 Il-Kummissjoni u Monsanto jqisu li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

65 L-ewwel parti tat-tieni aggravju tirrigwarda l-punti 67, 83 u 88 tas-sentenza appellata li huma fformulati kif ġej:

> "67 Sabiex jiġu ppreċiżati r-raġunijiet ta' reviżjoni bil-mod meħtieġ, persuna li titlob reviżjoni interna ta' att amministrattiv taħt id-dritt tal-ambjent hija obbligata tindika kull fatt jew argument ta' liġi li jqajjem dubji plawżibbli fir-rigward tal-evalwazzjoni mwettqa mill-istituzzjoni jew mill-korp tal-Unjoni fl-att inkwistjoni. Fil-fatt, hekk kif irrikonoxxiet il-Kummissjoni fil-kontroreplika u waqt is-seduta, it-terz li jikkontesta l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq għandu jipproduċi provi sostanzjali li jkunu jistgħu jiġġustifikaw dubji sostanzjali fir-rigward tal-legalità tal-għoti tal-imsemmija awtorizzazzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, Schräder vs CPVO, C-546/12 P, EU:C:2015:332, punt 57).
>
> […]
>
> 83 Kif ġie kkonstatat fil-punt 67 iktar 'il fuq, sabiex jiġu ppreċiżati r-raġunijiet ta' reviżjoni bil-mod meħtieġ, persuna li titlob reviżjoni interna ta' att amministrattiv taħt id-dritt tal-ambjent hija obbligata tindika kull fatt jew argument ta' liġi li jqajjem dubji plawżibbli fir-rigward tal-evalwazzjoni mwettqa mill-istituzzjoni jew mill-korp tal-Unjoni fl-att inkwistjoni. Fil-fatt, it-terz li jikkontesta l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti għandu jipproduċi provi u fatti sostanzjali li jkunu jistgħu jiġġustifikaw dubji sostanzjali fir-rigward tal-legalità tal-għoti tal-imsemmija awtorizzazzjoni.
>
> […]
>
> 88 Għaldaqstant, l-ewwel rikorrenti ma hijiex obbligata, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni [fid-deċiżjoni kontenzjuża], li "[turi] li d-deċiżjoni [ta' awtorizzazzjoni] tikser ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003", iżda hija għandha tipproduċi sensiela ta' provi li jqajmu dubji sostanzjali dwar il-legalità tal-att imsemmi."

66 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, kif jirriżulta mill-premessa 11, mill-Artikolu 2(1)(g) u mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1367/2006, kull NGO li tissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 11 ta' dan l-istess regolament hija awtorizzata tressaq talba għal reviżjoni interna ta' atti amministrattivi ta' portata individwali, li għandha effett legalment vinkolanti u estern, fejn din it-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet għar-reviżjoni.

67 Barra minn hekk, preokkupazzjonijiet espressi minn persuna li titlob reviżjoni fir-rigward tal-legalità tal-għoti ta' deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni li ma tkunx ibbażata fuq punti ta' fatt jew ta' liġi ma jissodisfawx ir-rekwiżit imfakkar fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, li jipprovdi li t-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet għar-reviżjoni.

68 Kif isostni, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa inerenti għas-sistema tar-reviżjoni li l-persuna li titlob ir-reviżjoni tagħti raġunijiet konkreti u preċiżi li jistgħu jikkontestaw l-evalwazzjonijiet li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

69 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kienet korretta meta kkonstatat, essenzjalment, fil-punti 67, 83 u 88 tas-sentenza appellata, li, sabiex jiġu ppreċiżati r-raġunijiet għar-reviżjoni bil-mod meħtieġ, persuna li titlob ir-reviżjoni ta' att amministrattiv taħt id-dritt tal-ambjent hija obbligata tindika l-punti ta' fatt jew l-argumenti ta' liġi sostanzjali li jkunu jistgħu jiġġustifikaw dubji plawżibbli, jiġifieri sostanzjali, fir-rigward tal-evalwazzjoni mwettqa mill-istituzzjoni jew mill-korp tal-Unjoni fl-att inkwistjoni.

70 Konsegwentement, l-ewwel parti ta' dan l-aggravju hija infondata.

71 Għal dak li jirrigwarda l-ilmenti dwar il-punti 134, 135, 148 sa 150, 157, 163 sa 168, 170, 205 sa 209, 217 sa 224, 230, 231, 238 sa 243, 246, 247, 256, 282, 287 u 289 tas-sentenza appellata, għandu jiġi kkonstatat, fi kwalunkwe każ, li ma jidhirx li, fl-imsemmija punti, il-Qorti Ġenerali qieset li mill-provi prodotti mill-appellanti ma kienx jirriżulta li s-sojja mmodifikata ma kinitx tajba għas-saħħa.

72 Minn dan isegwi li peress li l-imsemmija lmenti ma humiex fondati, it-tieni parti ta' dan l-aggravju għandha tiġi miċħuda.

73 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

74 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat, fil-punti 116 sa 118, 268 sa 270 u 281 tas-sentenza appellata, li l-linji gwida ppubblikati mill-EFSA ma kinux nisslu l-aspettattiva leġittima li kienu ser jiġu osservati għar-raġuni li ma kinux jorbtu lill-Kummissjoni, li ma kienu jinkludu l-ebda assigurazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konkordanti u li ma kinux joriġinaw mill-Kummissjoni li kellha tadotta d-deċiżjoni finali billi teżerċita s-setgħa diskrezzjonali tagħha.

75 Il-Kummissjoni ma tistax sempliċement teskludi, mingħajr raġuni valida, il-linji gwida ppubblikati mill-EFSA li huma intiżi espressament sabiex jiżguraw li l-obbligi legali imposti, b'mod partikolari mir-Regolament Nru 1829/2003, jiġu osservati. Issa, il-Qorti Ġenerali ppermettiet lill-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq dawn il-linji gwida, billi tużahom bħala "tarka kontra l-kontestazzjonijiet", iżda qieset li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tiġġustifika l-fatt li hija ma tikkonformax mal-imsemmija linji gwida.

76 Il-Kummissjoni u Monsanto jqisu li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

77 Il-punti tas-sentenza appellata kkritikati mill-appellanti huma fformulati kif ġej:

"116 Issa, għandu jiġi osservat li l-linji gwida inkwistjoni ma fihom ebda assigurazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konkordanti fil-konfront tal-ewwel rikorrenti li din tal-aħħar tista' tinvoka f'talba għal reviżjoni interna ta' att amministrattiv imressqa skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1367/2006.

117 Fit-tielet lok, l-ewwel rikorrenti tinvoka l-ġurisprudenza li tgħid li d-dokumenti ta' gwida maħruġa mill-istituzzjonijiet jistgħu jissodisfaw dan il-kriterju u, minħabba dan il-fatt, joħolqu aspettattivi leġittimi (sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 209 sa 211). F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-linji gwida inkwistjoni ma ġewx adottati mill-Kummissjoni li għandha tadotta d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni kif ukoll id-deċiżjoni dwar it-talba għal reviżjoni interna ta' att amministrattiv imressqa skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1367/2006. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li din il-ġurisprudenza tikkonċerna l-każijiet li fihom istituzzjoni, billi tadotta tali linji gwida, tillimita lilha nnifisha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha u

ma tistax tmur kontra dawn ir-regoli mingħajr ma tiġi ssanzjonata. Madankollu, il-linji gwida inkwistjoni bl-ebda mod ma jillimitaw il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni, iżda huma indirizzati lill-applikanti ta' awtorizzazzjoni li lilhom ma jistgħux jagħtu xi obbligu partikolari.

118 Għal dawn ir-raġunijiet, għandu għalhekk jiġi kkonstatat li d-dokumenti ta' gwida tal-EFSA ma jistgħux jorbtu lill-Kummissjoni fl-eżami jew fir-reviżjoni tagħha, filwaqt li huwa ċertament possibbli li hija tagħżel li tapplikahom bħala qafas ta' evalwazzjoni fil-każijiet mressqa quddiemha.

[…]

268 Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda r-rilevanza f'dan il-każ tal-opinjoni xjentifika dwar il-allerġeniċità, għandu jiġi osservat li din tipprevedi fil-preambolu tagħha li hija tirreferi għal ċerti aspetti tal-allerġiji u tal-allerġeni tal-ikel u li tirreferi għall-metodi sabiex jiġi evalwat il-potenzjal ta' allerġeniċità tal-proteini li jkunu għadhom kif ġew espressi kif ukoll tal-ikel u tal-għalf ġenetikament immodifikati fil-globalità tagħhom.

269 L-opinjoni xjentifika dwar il-allerġeniċità tirrikonoxxi li hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni r-riskju speċifiku ta' allerġeniċità ta' prodotti tal-ikel ġenetikament immodifikati fost it-tfal ta' età żgħira u għalhekk li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi fil-fiżjoloġija diġestiva ta' dawn is-sottogruppi tal-popolazzjoni. Fil-fatt, l-ewwel sensitizzazzjoni fl-intestin tat-tfal ta' età żgħira tista', skont l-opinjoni, tkun iffavorita min-nuqqas ta' maturità tas-sistema immunitarja lokali kif ukoll mill-funzjoni protettriċi inkompleta tal-membrana mukuża intestinali u d-degradazzjoni mhux mitmuma tal-proteini mill-pepsin fl-istonku minħabba pH gastriku ogħla mill-valuri osservati fl-adulti.

270 Ċertament, diġà skont il-formulazzjoni tagħha, l-opinjoni xjentifika dwar l-allerġeniċità ma tallegax li tinkludi linji gwida li ser jiġu applikati mill-EFSA fl-eżami ta' kull fajl. Barra minn hekk, kif ġie spjegat fil-punti 110 sa 118 iktar 'il fuq, opinjoni xjentifika tal-EFSA ma tistax torbot lill-Kummissjoni fl-eżami tagħha ta' talba għal awtorizzazzjoni jew ta' talba għal reviżjoni interna. Għaldaqstant, sa fejn l-ewwel rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kienet marbuta fl-eżami tagħha tat-talbiet għal reviżjoni interna mill-opinjoni xjentifika fuq l-allerġeniċità, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala infondat.

[…]

281 Fi kwalunkwe każ u fi kwalunkwe ipoteżi, għandu jiġi miċħud ukoll l-argument tal-ewwel rikorrenti li jgħid li hija kellha aspettattivi leġittimi sabiex l-EFSA tosserva l-linji gwida tagħha stess għar-raġunijiet esposti fil-punti 110 sa 118 iktar 'il fuq."

78 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, fil-punt 113 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fl-ewwel lok, li, minn naħa, l-Artikolu 5(8) u l-Artikolu 17(8) tar-Regolament Nru 1829/2003 jistabbilixxu li l-EFSA għandha tippubblika linji gwida ddettaljati sabiex tgħin lill-applikant jistabbilixxi u jippreżenta l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tiegħu, u li, min-naħa l-oħra, il-linji gwida tal-EFSA huma intiżi għalhekk li jistrutturaw l-elementi meħtieġa ta' applikant għal awtorizzazzjoni meta titressaq l-applikazzjoni tiegħu u ma għandhomx bħala għan li jafdaw lil terzi persuni, bħal TestBioTech, id-dritt li ċerti elementi jiġu pprovduti f'din l-okkażjoni. Fil-punt 115 tas-sentenza appellata, huwa indikat, fit-tieni lok, li, skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi huwa estiż għal kull individwu li jsib ruħu f'sitwazzjoni li minnha jirriżulta li l-amministrazzjoni tal-Unjoni, billi tagħtih garanziji preċiżi, inkundizzjonati u konsistenti, li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli, tkun ħolqot fi ħdanu aspettattivi fondati.

79 Il-punti 113 u 115 tas-sentenza appellata ma ġewx ikkontestati mill-appellanti.

80 Issa, il-Qorti Ġenerali, meta osservat, fil-punt 116 ta' dik is-sentenza, li l-linji gwida inkwistjoni ma kienu jinkludu ebda assigurazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konkordanti fil-konfront tal-ewwel appellanti li din tal-aħħar tista' tinvoka f'talba għal reviżjoni interna ta' att amministrattiv imressqa skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1367/2006, nisslet sempliċement il-konsegwenzi tal-konstatazzjonijiet mhux ikkontestati li jinsabu fil-punti 113 u 115 tal-imsemmija sentenza.

81 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jista' jiġi kkonstatat ebda żball ta' liġi fil-punt 116 tas-sentenza appellata.

82 Peress li mill-imsemmi punt 116 jirriżulta li r-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw il-linji gwida tal-EFSA f'talba għal reviżjoni interna ta' att amministrattiv ippreżentat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1367/2006, l-ilmenti bbażati fuq żbalji ta' liġi allegatament imwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 117 u 118 tas-sentenza appellata, meta jitqies li dawn il-linji gwida ma kinux ġew adottati mill-Kummissjoni u ma kinux jorbtu lil din tal-aħħar, huma ineffettivi.

83 Minn dan isegwi li t-tielet aggravju, sa fejn huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi li jaffettwaw il-punti 116 sa 118 tas-sentenza appellata, huwa parzjalment infondat u parzjalment ineffettiv.

84 Peress li ebda lment awtonomu ma ġie invokat kontra l-punti 268 sa 270 u 281 tas-sentenza appellata, li jirreferu għall-punti 110 sa 118 ta' dik is-sentenza, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud f'dan ir-rigward.

85 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

86 Permezz tar-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 176 sa 192, 213, 214, 216, 217, 222 sa 224, 229 sa 231 u 271 sa 277 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tikkonforma ruħha mal-evalwazzjoni tas-sigurtà f'żewġ stadji meħtieġa mir-Regolament Nru 1829/2003 u mil-linji gwida ppubblikati mill-EFSA u li l-ewwel stadju, jiġifieri l-paragun bejn il-wiċċ tar-raba' ġenetikament immodifikata u l-prodotti ta' referenza tiegħu, seta', waħdu, ikun suffiċjenti sabiex jissodisfa l-obbligi stabbiliti f'dan ir-regolament.

87 L-appellanti jsostnu li l-Kummissjoni kienet sostniet quddiem il-Qorti Ġenerali li riċerki addizzjonali ma kinux neċessarji minħabba l-konklużjonijiet dwar l-ekwivalenza sostanzjali tas-sojja kontenzjuża u tal-evalwazzjonijiet mwettqa għal kull wieħed mill-ġenituri. Issa, il-Qorti Ġenerali laqgħet dan l-argument fil-punti 176 sa 192 tas-sentenza appellata, meta ddeċidiet li dawn il-linji gwida ma kinux jeħtieġu li ssir evalwazzjoni tat-tossiċità, tal-allerġeniċità u tal-effetti tat-trasformazzjoni fuq l-OĠM meta ma kienx hemm elementi li juru interazzjonijiet bejn it-trasformazzjonijiet multipli. Il-Qorti Ġenerali affermat li l-imsemmija linji gwida kienu jipprevedu approċċ każ b'każ, fejn evalwazzjoni tat-tossiċità limitata ma kinitx teskluża bħala prinċipju.

88 Skont l-appellanti, tali motivazzjoni hija żbaljata u tmur kontra l-obbligi imposti mir-Regolament Nru 1829/2003. L-ewwel nett, ma tissemmiex il-premessa 6 tar-Regolament Nru 1829/2003, li tgħid li, għalkemm l-ekwivalenza sostanzjali hija stadju essenzjali tal-proċess ta' evalwazzjoni tas-sigurtà tal-għalf ġenetikament immodifikat, din ma tikkostitwixxix evalwazzjoni tas-sigurtà fiha nnifisha. Il-Qorti Ġenerali ma esponietx il-motivi għaliex l-evalwazzjoni tagħha hija konformi ma' din il-premessa u mal-indikazzjoni ċara tagħha li r-Regolament Nru 1829/2003 huwa intiż sabiex jimponi evalwazzjoni fid-dettall tas-sigurtà ta' kull OĠM, li tmur lil hinn mill-evalwazzjoni tal-ekwivalenza sostanzjali. It-tieni nett, mil-linji gwida ppubblikati mill-EFSA jirriżulta b'mod ċar li evalwazzjoni tas-sigurtà ta' kull OĠM hija meħtieġa, anki jekk hija limitata. Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali,

essenzjalment, laqgħet, fil-punt 191 tas-sentenza appellata, l-argument li jgħid li kienet meħtieġa biss analiżi komparattiva. Hija qieset li t-twettiq ta' evalwazzjoni tad-data relatata mal-analiżi komparattiva kienet teskludi t-twettiq ta' evalwazzjoni tas-sigurtà fil-kuntest tat-tieni stadju. L-iżball imwettaq mill-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward jirriżulta wkoll mill-motivi li jinsabu fil-punti 213, 214, 216, 217, 222 sa 224, 230 u 231 tas-sentenza appellata, li jgħidu li t-testijiet komparattivi aċċettati mill-EFSA kienu jikkostitwixxu eżami għall-finijiet tal-evalwazzjoni tas-sigurtà fil-kuntest tat-tieni stadju, u fil-punti 271 sa 275 u 277 ta' din is-sentenza dwar l-evalwazzjoni insuffiċjenti fil-qasam tal-allerġeniċità.

89 Il-Kummissjoni u Monsanto jqisu li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

90 Għandu jiġi osservat li l-punti 176 sa 185 tas-sentenza appellata għandhom natura essenzjalment deskrittiva u li, permezz tar-raba' aggravju tagħhom, l-appellanti ma jsemmu l-ebda żball ta' liġi li jivvizzja dawn il-punti. Fil-punti 186 u 187 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata kienet, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet ta' TestBioTech, suffiċjentement motivata fid-dawl tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, kif interpretat minn ġurisprudenza stabbilita. Issa, l-appellanti ma jinvokawx żball ta' liġi f'dan ir-rigward.

91 Barra minn hekk, fid-dawl tal-ilmenti invokati mill-appellanti fil-kuntest tar-raba' aggravju tagħhom, huma biss il-punti 188 sa 192 tal-imsemmija sentenza li għandhom jitqiesu li huma s-suġġett ta' dan l-aggravju.

92 Dawn huma fformulati kif ġej:

"188 Sa fejn l-ewwel rikorrenti tqis li, fuq il-livell ta' prinċipji, il-Kummissjoni ma tistax teċċepixxi l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' ekwivalenza sostanzjali tal-kompożizzjonijiet sabiex ma ssirx 'evalwazzjoni tossikoloġikament adegwata', qabelxejn, għandu jiġi osservat li kull wieħed mid-dokumenti ta' gwida msemmija fil-punti 177 sa 179 iktar 'il fuq jipprevedi li l-portata tal-evalwazzjoni tat-tossiċità għandha tiġi ddeterminata każ b'każ u li evalwazzjoni tat-tossiċità limitata hija possibbli u, b'hekk, ma hijiex eskluża bħala prinċipju.

189 Barra minn hekk, l-ewwel rikorrenti ma tinvoka l-ebda silta mid-dokumenti ta' gwida, imsemmija fil-punti 177 sa 179 iktar 'il fuq, li, skont hi, tikser xi dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1829/2003.

190 Sussegwentement, għandu jiġi osservat li l-ewwel rikorrenti ma tispjegax, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, fiex kienet tikkonsisti, fil-fehma tagħha, evalwazzjoni tossikoloġika "adegwata" f'dan il-każ.

191 Fl-aħħar nett, hekk kif issostni l-Kummissjoni fir-risposta u kif jirriżulta mill-kontenut tal-opinjoni xjentifika tal-25 ta' Jannar 2012 esposta fil-punti 180 sa 183 iktar 'il fuq, f'dan il-każ, l-evalwazzjoni tat-trasformazzjoni multipla kienet ippreċeduta minn evalwazzjoni taż-żewġ ġenituri ġenetikament immodifikati tas-sojja mmodifikata, li tinkludi approċċ komparattiv, ikkompletat b'karatterizzazzjoni molekulari u analiżi tossikoloġika, nutrizzjonali u tal-allerġeniċità. Din l-evalwazzjoni tar-riskji assoċjati maż-żewġ ġenituri twettqet permezz ta' analiżi komparattiva tat-trasformazzjoni multipla u karatterizzazzjoni molekulari ta' din tal-aħħar sabiex jiġu evalwati l-effetti ta' sinerġija jew ta' ħsara eventwali bejn iż-żewġ ġenituri ġenetikament immodifikati. Skont il-Kummissjoni, l-EFSA evalwat il-ħtieġa li twettaq analiżi tossikoloġika komplementari tat-trasformazzjoni multipla fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha miġbura fuq il-ġenituri ġenetikament immodifikati kif ukoll fuq it-trasformazzjoni multipla. Għalhekk,

il-Kummissjoni tqis ukoll ġustament li l-EFSA ma llimitatx l-evalwazzjoni tagħha tar-riskji assoċjati mat-trasformazzjoni multipla għal analiżi komparattiva, iżda wettqet evalwazzjoni ta' żieda potenzjali fit-tossiċità, fid-dawl tal-avvenimenti ta' trasformazzjoni multipla.

192 Minn dan isegwi li l-argument li jgħid li, fuq il-livell ta' prinċipji, il-Kummissjoni ma tistax teċċepixxi l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' ekwivalenza sostanzjali tal-kompożizzjonijiet sabiex ma ssirx 'evalwazzjoni tossikoloġika adegwata' ma jippermettix li jiġi stabbilit żball manifest ta' evalwazzjoni min-naħa tagħha [fid-deċiżjoni kontenzjuża]. Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata."

93 Mill-punt 191 tas-sentenza appellata jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma qisitx li analiżi komparattiva biss tas-sojja mmodifikata u tal-prodott ta' referenza tagħha kien suffiċjenti sabiex ma ssirx evalwazzjoni tossikoloġika u sabiex tiġi kkonfermata s-sigurtà tal-OĠM. Fil-fatt, hija ħadet inkunsiderazzjoni, minn naħa, li tali analiżi komparattiva ġiet ikkompletata, b'mod partikolari, permezz ta' analiżi tossikoloġika fil-kuntest ta' evalwazzjoni tal-effetti ta' sinerġija jew ta' ħsara eventwali bejn iż-żewġ ġenituri ġenetikament immodifikati tas-sojja mmodifikata, u, min-naħa l-oħra, li l-evalwazzjoni tar-riskji assoċjati mat-trasformazzjoni multipla ma kinitx limitata għal analiżi komparattiva iżda kienet tirrigwarda ż-żieda potenzjali fit-tossiċità.

94 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punt 188 tas-sentenza appellata, li kull wieħed mid-dokumenti ta' gwida msemmija fil-punti 177 sa 179 ta' dik l-istess sentenza jipprovdi li l-portata tal-evalwazzjoni tat-tossiċità għandha tiġi ddeterminata każ b'każ u li evalwazzjoni tat-tossiċità limitata hija possibbli u, għalhekk, ma hijiex eskluża bħala prinċipju.

95 B'mod partikolari, ġie enfasizzat, fil-punt 177 tas-sentenza appellata, li d-dokument ta' gwida dwar l-evalwazzjoni tar-riskji tal-pjanti ġenetikament immodifikati u tal-prodotti tal-ikel u tal-għalf idderivati (domanda EFSA-Q-2003–005, The EFSA Journal (2006) 99, 1-100), jipprevedi, fir-rigward tal-evalwazzjoni tat-tossiċità, li n-neċessità ta' testijiet tossikoloġiċi fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-sigurtà għandha tiġi kkunsidrata każ b'każ u hija ddeterminata mir-riżultat tal-evalwazzjoni tad-differenzi identifikati bejn il-prodott ġenetikament immodifikat u l-prodott konvenzjonali tiegħu ta' referenza.

96 Issa, dan l-approċċ ma huwiex, fi kwalunkwe każ, inkompatibbli mal-premessa 6 tar-Regolament Nru 1829/2003, li tgħid li, għalkemm l-ekwivalenza sostanzjali hija stadju essenzjali tal-proċess ta' evalwazzjoni tas-sigurtà tal-għalf ġenetikament immodifikat, din ma tikkostitwixxix evalwazzjoni tas-sigurtà fiha nnifisha, sa fejn din il-premessa ma teskludix il-possibbiltà li tiġi ddeterminata, każ b'każ, il-portata tal-evalwazzjoni tat-tossiċità.

97 Barra minn hekk, tali approċċ ma jiksirx l-Artikolu 5(3)(f) tar-Regolament Nru 1829/2003, li għalih jirreferu l-appellanti sabiex isostnu l-aggravju tagħhom, li jipprevedi li kull applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq li jkollha bħala suġġett OĠM għandha tinkludi "jew analiżi, sostnuta minn informazzjoni u data xierqa, li turi li l-karatterisiċi ta' l-ikel ma humiex differenti minn dawk tal-kontroparti konvenzjonali tiegħu, meta jitqiesu l-limiti aċċettati ta' varjazzjonijiet naturali għal dawk il-karatteristiċi u għall-kriterji speċifikati fl-Artikolu 13(2)(a), jew proposta biex l-ikel jiġi ttikkettjat skond l-Artikolu 13(2)(a) u (3)".

98 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-appellanti ma wrewx li l-punti 188 sa 192 tas-sentenza appellata huma vvizzjati bi żball ta' liġi.

99 Peress li ebda lment awtonomu ma ġie invokat kontra l-punti 213, 214, 216, 217, 222 sa 224, 229 sa 231 u 271 sa 277 tas-sentenza appellata, għandu jitqies, fid-dawl tal-konstatazzjoni li tinsab fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, li r-raba' aggravju huwa, f'dan ir-rigward, infondat.

100 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq il-ħames aggravju

L-argumenti tal-partijiet

101 Permezz tal-ħames aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punti 233 u 289 tas-sentenza appellata, billi bbażat ruħha fuq ir-Regolament Nru 396/2005 sabiex tiċħad ċerti elementi tal-ilment tagħhom ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni naqset, b'mod żbaljat, milli teżiġi eżami suffiċjentement komplet tat-tossiċità potenzjali tas-sojja inkwistjoni u li tikkontrolla l-effetti ta' din tal-aħħar wara l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq.

102 Skont l-appellanti, ir-Regolament Nru 396/2005 ma jnaqqasx l-obbligi imposti, b'mod partikolari, mill-Artikoli 14 u 16 tar-Regolament Nru 1829/2003 u lanqas l-obbligi fil-qasam tal-kontroll li għandu jitwettaq wara l-għoti tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq. Jekk l-atomizzazzjoni ta' OĠM partikolari jkollu effetti negattivi fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem jew is-saħħa tal-annimali minħabba t-trasformazzjoni multipla jew modifiki ġenetiċi, dawn l-effetti għandhom jiġu eżaminati u stabbiliti billi jiġi applikat ir-Regolament Nru 1829/2003.

103 Il-Kummissjoni u Monsanto jqisu li l-ħames aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

104 Il-punti 233 u 289 tas-sentenza appellata huma fformulati kif ġej:

"233 Sussegwentement, għal dak li jirrigwarda l-argument dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 396/2005 f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat, hekk kif issostni ġustament il-Kummissjoni, li testijiet u aġġustamenti sabiex jiġi stabbilit kontenut massimu ta' residwi, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 396/2005, għas-sojja mmodifikata sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni tipi ta' sojja b'tolleranza għall-glifosat jew għall-erbiċidi għandhom isiru fil-kuntest ta' eżami skont l-imsemmi regolament u mhux fil-kuntest tar-Regolament Nru 1829/2003.

[…]

289 Fi kwalunkwe każ, sa fejn l-argument tal-ewwel rikorrenti huwa intiż sabiex jikkontesta l-fondatezza tal-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 287 iktar 'il fuq, l-ewwel rikorrenti ma wriet l-ebda żball manifest ta' evalwazzjoni [fid-deċiżjoni kontenzjuża]. Barra minn hekk, kif ġie spjegat fil-punt 233 iktar 'il fuq, testijiet u aġġustamenti sabiex jiġi stabbilit kontenut massimu ta' residwi, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 396/2005, għas-sojja mmodifikata sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni tipi ta' sojja b'tolleranza għall-glifosat jew għall-erbiċidi għandhom isiru fil-kuntest ta' eżami skont l-imsemmi regolament u mhux fil-kuntest tar-Regolament Nru 1829/2003."

105 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, hekk kif osservat il-Kummissjoni, li l-appellanti ma ressqux argumenti li juru n-natura żbaljata tal-konstatazzjoni li tinsab fil-punti 233 u 289 tas-sentenza appellata.

106 Għalhekk, għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1829/2003, iċċitat mill-appellanti, jipprevedi, fil-paragrafu 1(a) tiegħu, li l-ikel ġenetikament immodifikat ma għandux ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, xorta jibqa' l-fatt li la din id-dispożizzjoni u lanqas ebda dispożizzjoni oħra tal-imsemmi regolament, anki emendata, ma teżiġi li jiġu eżaminati, fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' OĠM, l-effetti marbuta mal-użu eventwali ta' pestiċidi.

107 Barra minn hekk, jista' jiġi osservat ukoll li r-Regolament Nru 396/2005 la ma jirreferi għar-Regolament Nru 1829/2003 u lanqas għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' OĠM li jaqgħu taħt dan ir-regolament.

108 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-iżball ta' liġi invokat mir-rikorrenti ma ġiex stabbilit.

109 Għaldaqstant, il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

110 Peress li l-ebda wieħed mill-aggravji mqajma insostenn tal-appell ma ntlaqa', dan l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

111 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn l-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

112 Skont l-Artikolu 184(4) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li intervenjent fl-ewwel istanza għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

113 Peress li l-appellanti tilfu fl-aggravji tagħhom, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni, kif mitlub mill-Kummissjoni.

114 Monsanto, intervenjenti fl-ewwel istanza, għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) TestBioTech eV, European Network of Scientists for Social and Environmental Responsibility eV u Sambucus eV huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

3) Monsanto Europe u Monsanto Company għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

Firem